# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 9

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

It-Tlieta 19 ta' Lulju, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Dott. Albert Buttigieg –Sindku San Ġiljan
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi **(onlajn)**
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindkul-Pietà, is-Sa Zoya Attard, mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u mis-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur John Pillow, sabiex jinfurmawna li ma setawx jattendu għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

9.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittri ta' apoloġiji mressqa.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

9.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 8 li nżammet nhar il-Ġimgha 17 ta' Ġunju 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

9.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, u sekondati Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manchè.

## 9.3 Komunikazzjoni mill-President

9.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mill-President u talab lill-membri preżenti sabiex nipproċedu bl-*item* numru 9.5 fuq l-aġenda sabiex ma nħallux lill-accountant tistenna.

## 9.5 Rapporti

- *Quarterly Financial Report – April sa Ġunju 2022*

9.5.1 Il-President stieden b'mod virtwali lill-accountant tar-Reġjun, lis-Sa Romina Perici Ferrante sabiex tippreżenta dan ir-rapport aktar fid-dettal.

9.5.2 Is-Sra. Perici Ferrante tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport u staqsiet lill-membri jekk xtaqux iressqu xi domanda fuq dan ir-rapport.

9.5.3 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, staqsa dwar il-*payables* li kien hemm imsemmi fir-rapport.

9.5.4 Is-Sa Perici Ferrante spjegat li dawn kienu l-ammont li d-Diviżjoni kienet tat lir-Reġjuni dan il-fondi li kienu ntitolati lill-Kunsill Lokali ma jiġux mitlufa. Għaldaqstant dawn il-fondi huma komessi u ma jistgħux jintmessu jekk ma jkunx hemm direzzjoni mid-Diviżjoni.

9.5.5 ***05:40pm – Il-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab, wasal għal din il-laqgħa.***

9.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat aktar dwar dawn il-fondi u l-membri preżenti talbu sabiex is-Segretarju Eżekuttiv iġġib informazzjoni mingħand id-Diviżjoni. Kif ikun hemm tweġiba dwar dan, il-Kunsilli Lokali ser ikunu nfurmati b'mod immedjat.

9.5.6 Dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Management Letter u Letter of Reply*

9.5.7 Il-President ressaq fuq il-mejda dawn iż-żewġ dokumenti, liema dokumenti kienu ntbagħtu għall-attenzjoni tal-membri qabel din il-laqgħa.

9.5.8 L-ittra ta' tweġiba lill-Awdituri ġiet approvata mill-membri b'mod unanimu.

9.5.9 ***17:56pm – Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

9.4.1 Il-President informa lill-membri dwar il-komunikazzjoni li dan ir-Reġjun irċieva mingħand is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju 2022 sabiex dan ir-Reġjun jiddiskuti l-problema ta' l-*electric scooters* u dwar l-infurzar.

9.4.2 Is-Sur Chircop spjega dwar ix-xogħol li kien sar s'issa relatat ma' din il-problema fejn tmur lura għas-sena preċedenti fejn dan is-suġġett kien tqajjem mill-Kunsill Reġjonali preċedenti taħt presidenza preċidenti.

9.4.3 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex tinżamm laqgħa bejn dawk il-membri li huma nteressati fis-suġġett sabiex tittieħed deċiżjoni dwar kien ir-Reġjun għandu jipproċedi dwar dan.

9.4.4 ***18:00pm - Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, u s-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit waslu għal din il-laqgħa.***

9.4.5 Kien hemm qbil sabiex din il-laqgħa tinżamm nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022 fit-8 ta' filgħodu fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun. Din il-laqgħa ser tkun offruta lil dawk il-membri li jixtiequ jattendu b'mod virwali u kien hemm qbil sabiex min ma jkunx jistà jattendi, jistà jibgħat il-punti tiegħu permezz ta' emejl.

## 9.6 Sejħa Pubblika Reġjonali għal Ġbir ta' l-Iskart Domestiku

9.6.1 B'referenza għal dan is-suġġett, il-President spjega kif d-data ta' l-għeluq għal din is-sejħa kelli tiġi estiża għal nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu 2022 peress li kien hemm żewġ każijiet mressqa fil-qorti minn Greenpak u GreenMT.

9.6.2 Is-Sur Chircop kompla jgħid kif dan il-każ ser jinstema l-qorti nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2022 fl-10 ta' filgħodu.

9.6.3 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-Sa Marica Axiaq mill-Procurement tad-Diviżjoni Lokali sabiex jinfurmawna bl-ismijiet tal-persuni li għandhom ikunu fuq il-kumitat ta' l-evalwazzjoni.

9.6.4 Il-bord għal dan ir-Reġjun ser ikun kompost mis-Sa Margaret Zammit, Senior Engineer fil-Cleansing Directorate, bħala ċ-Chairman; lis-Sra Marica Axiaq, Principal fid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bħala membru flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, is-Sa Ritianne Giorgino, u S-Segretarju Eżekuttiv ta' Raħal Ġdid, is-Sur Kurt Scerri, flimkien mas-Sa Lianne Cassar li hija l-Aġenta Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali Port bħala s-Segretarju ta' dan il-bord.

9.6.5 Tqajmet diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan is-suġġett u espremew id-diżappunt tagħhom għal mod ta' kif qed jimxi dan il-proċess. Il-membri bdew jesprimu li huma kellhom ikunu parti mill-proċess ta' l-evalwazzjoni bħal ma jkunu parti meta jinħarġu kull sejħa kemm fir-Reġjun kif ukoll fil-kunsill.

9.6.6 Il-President spjega lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv talbet direzzjoni mingħand is-Sur Attard jekk dan ir-Reġjun għandux jipproċedi kif inhu mitlub peress li kien għadu ser jinstema l-każ fil-qorti. Is-Sur Attard informa lis-Segretarju Eżekuttiv kif ir-Reġjun xorta waħda għandu jieħu ħsieb jara li dan il-bord ikun iffurmat sabiex kif il-każ ikun magħluq, l-offerti jkunu jistgħu jiġu evalwati.

9.6.7 ***18:20pm – is-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 9.7 Vakanza għal Deputat Reġistratur u għal Clerk

- *Deputat Reġistratur*

9.7.1 Is-Sur Chircop informa lil-membri preżenti li fl-aħħar sejħa ma kien hemm l-ebda applikant eleġibli għal din il-pożizzjoni u kif għal din ir-raġuni ser nikkonsultaw ma' kumpanija private biex tgħin f'dan l-ingaġġar. Aktar informazzjoni dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Clerk*

9.7.2 Is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti li r-Reġjun irċieva lista ta' applikanti nhar il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2022 u dawn l-applikanti kellhom ċ-ċans li jesprimu l-interess tagħhom sa mhux aktar tard minn nis-Sibt 3 ta' Lulju 2022.

9.7.3 Is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun irċieva applikazzjoni waħda biss u kif għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex tintbagħat lista oħra pero din l-applikanta jkollha l-opportunità tiġi intervistata xorta waħda flimkien mal-kumplament ta' l-applikanti.

9.7.4 Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

9.7.5 Is-Sur Chircop qal ukoll kif is-Sergretarju Eżekuttiv avviċinat kumpanija fejn ġiet studenta pollakka għal perjodu ta' tliet ġimgħat sabiex tagħti l-għajnuna tagħha b'mod klerikali fix-xogħol tat-tribunal.

- *Uffiċjali Reġjonali*

9.7.6 Il-President informa lill-membri preżenti kif l-aħħar sejħa li nħarġet kienet għalqet nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022 u kien għad m'hemmx direzzjoni mingħand l-SPI dwar lista b'applikanti eleġibbli għal dawn il-pożizzjonijiet.

9.7.7 Is-Sur Chircop kompla qal kif malli din il-lista tasal l-uffiċċju, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tinforma l-applikanti b'data u ħin għall-intervista.

9.7.8 Is-Sur Chircop żied jgħid kif is-Segretarju Eżekuttiv talbet *feedback* dwar l-interess għal din is-sejħa u s-Sur Agius spjega li d-Driettorat kien irċieva tlettax-il applikazzjoni. Is-Sur Agius qal ukoll kif fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jiltaqà mal-persuni tekniċi sabiex jistabilixxu jekk dawn l-applikanti humiex eleġibbli skont il-kriterji hekk kif maħruġa fis-sejħa u b'hekk ikunu jistgħu jipproċedu bl-*iscreening interviews.*

9.7.9 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 9.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

9.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun irċieva l-allokazzjoni finanzjarja ta' €145,833.

- *Social Impact Assessment*

9.8.2 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju nżammet laqgħa dwar is-Social Impact Assessment ġewwa s-sala ta' l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, il-Marsa fejn għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, id-Direttur ta' l-Istrateġija u Policy, is-Sa Marisa Pisani, flimkien mal-Presidenti u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Reġjonali.

9.8.3 Is-Sur Chircop spjega kif waqt din il-laqgħa dawk preżenti ġew nfurmati li r-Reġjun tat-Tramuntana ser ikun qed jgħamel dan l-istudju waħdu. Is-Sur Mario Fava ressaq fuq il-mejda lista ta' aspetti differenti li wieħed jistà jgħażel sabiex isir dan l-istudju. Waqt din il-laqgħa ġejna mgħarfin li din il-lista ser tkun qed tiġi mibgħuta permezz ta' emejl. Malli dan ir-Reġjun irċieva dan id-dokument, dan intbagħat għall-attenzjoni tagħkom permezz ta' emejl sabiex intom tkunu tistgħu tilħqu taqrawh bil-kwiet u waqt din il-laqgħa jkollkom l-opportunità li tressqu l-punti tagħkom.

- *MoU ma' l-Agenzija LESA*

9.8.4 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2022 dan ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Svetlick Flores mill-Aġenzija LESA, sabiex jiġi iffirmat MoU bejn l-aġenzija u r-Reġjun sabiex ir-Reġjun jingħata investiment ta' darba għall-apparat ta' kompjuter/Laptop għat-Tribunal; Printer; Visual Display Unit għat-Tribunal; Kompjuter / laptop għall-impjegati li jgħamlu xogħol għat-Tribunal.

9.8.5 Dan il-kuntratt ġie iffirmat mill-President u s-Segretarju Eżekuttiv u LESA għandha tgħaddi transferiment għall-dawn l-ispejjeż.

- *Seminar fuq Fondi*

9.8.6 Nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju 2022 inżamm seminar fuq fondi ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi u li kien organizzat mill-Uffiċjal Kulturali, Nikki Demajo Albanese. Waqt dan is-seminar kien hemm preżentazzjoni mingħand is-Sur Darren grasso minn SEM u mis-Sur Simon Agius mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali – SPI. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li kienu preżenti u b'mod speċjali lill-Kunsill Lokali ta' Swieqi talli ospitawna sabiex dan seta jkun possibli.

- *PARKS Malta*

9.8.7 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju 2022 ma' PARKS Malta fejn għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-President flimkien ma' l-Uffiċjal Reġjonali ta' l-Ambjent, Andrea Borg Brincat u s-Segretarju Eżekuttiv.

9.8.8 Wara din il-laqgħa inżammet laqgħa b'mod virtwali għal dawk il-Kunsilli li ndikaw postijiet adekwati sabiex jiġu spjegati aħjar l-informazzjoni u dokumenti mitluba sabiex Kunsill ikun eleġibli għal dawn il-*pocket parks.*

- *Sejħa ta' Offerti*

9.8.9 Il-President għamel referenza għal din is-sejħa li kienet ser tinħareġ fuq is-sistema ta' l-epps u kif dan il-kuntratt kien ser jiffoka fuq l-apparat ġol-playingfields u l-madwar.

9.8.10 Is-Sur Chircop spjega kif għalkemm dan kien il-ħsieb oriġinali, dan ir-Reġjun huwa konxju li kull lokalità qed timplimenta l-open air gyms u l-assessjar ta' dam l-apparat għandu jkun inkluż. Għal din ir-raġuni, l-uffiċjal Reġjonali ta' l-ambjent, Andrea Borg Brincat, talbet l-informazzjoni dwar dan lill-Kunsilli Lokali. Liema risposta kellha tasal sal-bieraħ, it-Tnejn 18 ta' Lulju 2022.
Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu sabiex din is-sejħa tinkorpora l-*open air gyms* ukoll.

- *Laqgħa mal-Cleansing and Maintenance Division*

9.8.11 Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Lulju 2022 nżammet laqgħa oħra mas-Sur Ramon Deguara mill-Cleansing and Maintenance Division sabiex niddiskutu xi problemi li tqajmu fit-tqassim tal-bins waqt il-weekend tal-festa.

9.8.12 Il-President spjega kif fis-sajf qed ikun hawn ħafna attivitjiet kbar u għalkemm kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni, il-problemi ġew diskussa u solvuta.

9.8.13 Sfortunatament l-informazzjoni li kienet ingħatat wara l-ewwel laqgħa ma baqgħux l-istess, fosthom li dawn il-bins ser jibdew jitpoġġew għand il-Kunsill Lokali umbad l-Kunsill irid jpoġġihom fil-postijiet li kienu ġew indikati flimkien mal-Uffiċjal Maniġerjali fuq l-Ambjent, is-Sur Ryan Zammit.

- *Fixed Assests*

9.8.14 Il-President informa lill-membri kif għal fini ta' accounts, dan ir-Reġjun qed jinforma lill-membri kif mill-*fixed assets* tneħħew RCCE002 li kien it-tower tar-Reġistratur, RCCE003 li kien il-PC tas-Segretarju Eżekuttiv, RCCE019A.

- *Uffiċċju Għal Kunsill Reġjonali Lvant*

9.8.15 B'referenza għal dan is-suġġett is-Sur Chircop qal kif dan ir-Reġjun talab laqgħa mal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Onor. Aaron Farrugia, sabiex jiġi diskuss is-sit li jinstab f'Pembroke kif ukoll sabiex jiġu mressqa xi punti li tqajmu waqt il-laqgħa ġenerali annwali dwar nuqqas ta' kopperazzjoni mill-entitajiet li jaqgħu taħtu.

9.8.16 Is-Sur Chircop spjega kif fl-1 ta' Lulju 2022, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa dwar dan ma' l-advisor tiegħu, is-Sur Marc Vella Bonnici.

9.8.17 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif is-sit indikat mir-Reġjun mhux possibli li jingħata peress li huwa skedat għal proġett ieħor mit-Transport Malta. Sadanittant dan ir-Reġjun talab sabiex tinżamm laqgħa mas-Segretarju Parlamentary għal-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, dwar dan.

9.8.18 Il-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab, fakkar lill-membri kif il-Kunsill ta' Pembroke kienu anke ssuġġerixxu l-premises ta' fejn kienet l-iskola tal-Primarja ta' Pembroke li fil-preżent hija vakanti.

9.8.19 Il-President ħa nota dwar dan, u kien hemm qbil sabiex naraw x'ser jissuċċedi mill-laqgħa ma l-Onor. Zerafa Civelli biex jekk filkas tinżamm laqgħa oħra mall-Ministru ta' l-Edukazzjoni.

- *Il-kuntratt tal-kera ta' l-uffiċċju tat-tribunal Lokali*

9.8.20 B'referenza għal dan il-kuntratt, il-President spjega kif dan ġie fi tmiemu f'Diċembru 2021 u kif għal din ir-raġuni sar kuntratt ġdid mill-avukat tar-Reġjun.

9.8.21 Is-Sur Chircop spjega kif dan il-kuntratt ġie approvat minn sid il-kera u ser jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin.

9.8.22 *18:57pm – Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, skuża ruħu minn din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.*

- *ESF.04.079 - Regional Cultural Strategies*

9.8.23 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun irreveda l-post ta' żjara fejn l-Arts Council Malta flimkien ma' l-Uffiċjal kulturali, is-Sa Nikki Demajo Albanese, qablu li jkun ta' ġid jekk iż-żjara tkun ġewwa Spanja.

9.8.24 Is-Sur Chircop qa kif għalkemm dan ir-Reġjun xtaq imur Madrid u Seville, il-*key expert* mill-ACM qal li jkun aħjar li dan il-grupp iżur Barcellona. Għal din ir-raguni, is-Sa Demajo Albanese ser tkun qed tagħmel il-preparamenti meħtieġa sabiex din iż-żjara isseħħ f'Ottubru 2022.

- *Keleici Old Town Festival*

9.8.25 Il-President qal kif nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2022 dan ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar stedina mis-Sindku ta' Muratpasa sabiex nattendu għal dan il-festival li jinżamm bejn it-13 u s-16 ta' Ottubru 2022.

9.8.26 Is-Sur Chircop qal kif dan ir-Reġjun informa lill-AKL bl-interess tiegħu u din il-materja ser tkun qed tiġi diskuss fil-laqgħa ta' l-eżekuttiv ta' l-AKL nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022.

- *Ċir AKL 2022/072 European Week of Regions and Cities - Brussels Oct 2022*

9.8.27 B'Referenza għal din iċ-Ċirkulari, is-Sur Chircop informa lill-membri li din ser tinzamm bejn it-10 u t-13 ta' Ottubru 2022. Ikkuntatjajna lis-Sur Mario Fava għal aktar informazzjoni. Bażikament dan ir-Regjun jistà jibgħat rappreżentanti. Ir-Reġjun jistà jħallas biss għall-biljetti ta' l-ajru għal persuna waħda minn kull Kunsill Lokali. Umbad kull Kunsill Lokali jrid iħallas is-*subsistance allowance*. L-applikant irid iħallas għal-akkomdazzjoni tal-lukanda.

9.8.28 Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat l-importanza li kull min jirreġistra, għandu jattendi l-laqgħat. Jekk ser jingħata rimborż mir-Reġjun, ir-rappreżentant għandu jissottometti rapport dwar il-laqgħa li jkun attenda sabiex jingħata r-rimborż tat-titjira.

- *Kunsill Lokali ta' tas-Swieqi*

9.8.29 Dan ir-Reġjun irċieva talba mingħand il- sabiex japplikaw ma' dan ir-Reġjun taħt id-Development Planning Funds sabiex isir titjib f'wieħed mill-ġonna ewlenin ta' dan il-Kunsill – Gnien Maurice Caruana Curran. Il-Proġett ser jammonta għall-€128,093.56

- *Kunsill Lokali San Ġiljan*

9.8.30 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsoll sabiex isiru proġetti ta' kollaborazzjonijiet bejn ir-Reġjun, dan il-Kunsill u għaqdiet f'dan il-lokal. Parrocca San Giljan – spejjez ta' kor/muzika/fjuri ghal festa – 1k; Parrocca Balluta – spejjez ta' kor/muzika/fjuri – 1k; Banda Spinola, Banda San Giljan u Banda Balluta – ghajuna ghal kuncerti annwali tal-festa – 3k; Ghaqda Armar Balluta u Ghaqda Armar San Giljan, Arbli godda – 2k; Ghadqa nar San Giljan – insurance – 1k; Gostra – insurance – 1k; Birju San Giljan – thsirts – 1k; Knisja Lapsi – muzika, fjuri – 1k; Attivitajiet sporitivi – 4k; Attivitajiet tall-festa u apprezzament lill-għaqdiet – 1k.

9.8.31 Din it-talba ġiet approvata mill-membri preżenti b'mod unanimu.

- *Post Sabiex jinżammu l-Laqgħat tar-Reġjun*

9.8.32 Il-President preżenta fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex dan ir-Reġjun ikun jistà jżomm il-laqgħa ta' kull xahar tar-Reġjun f'post adekwat peress li fl-uffiċċju amministrattiv fil-preżent ma hemmx post adekwat.

9.8.33 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni li kienet provduta mingħand Urban Valley Resort, San Gwann għall-perjodu ta' sena.

- *Tournament taċ-ċess*

9.8.34 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar dan l-avveniment li ser jinżamm ġewwa l-ġnien biżwit il-Kunsill Lokali tas-Swieqi, mis-6:30 ta' filgħaxija 'l quddiem f'Jum internazzjonali taċ-ċess. Għal dan l-avveniment inxtraw trophies u ingħatajna *vouchers* mingħand Aġenda bookshop.

9.8.34 Is-Sur Chircop ħeġġeġ lill-membri sabiex ikunu preżenti għal dan l-avveniment.

- *Emblema uffiċjali tar-Reġjuni*

9.8.35 Il-President informa lill-membri preżenti kif il-ġurnata ta' qabel din il-laqgħa, dan ir-Reġjun ġie nfurmat mid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, li l-emblemi huma approvati u jinsabu fil-proċess sabiex tiġi ppublikata l-avviż legali. Is-Sur Attard qal ukoll kif din l-emblema tistà tibda tintuża mir-Reġjun.

9.3.36 Il-President spjega wkoll kif għal din ir-raġuni ġew ordnati sbagħtax-il bandiera mingħand Gauci Borda fejn għandna ir-Reġjun iħoss li għandha tinżamm okkazzjoni qasira fejn din il-bandiera tiġi ppreżentata b'mod uffiċjali lil kull Kunsill Lokali u wara ssir bibita żgħira.

- *Applikazzjonijiet*

9.8.37 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju 2022, fejn hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċjal ta' l-Ambjent, Andrea Borg Brincat, kienu preżenti għal laqgħa li nżammet b'mod virtwali mas-Sur Fabian Borg mill-Kunsill Lokali tal-Gżira.

9.8.38 Is-Sur Chircop spjega kif waqt din il-laqgħa, is-Sur Borg ta spjegazzjoni fuq tliet applikazzjonijiet li jistgħu jiġu sottometti f'isem ir-Reġjun:

(1) HORIZON-CL5-2022-D4-01-01 Demand response in energy-efficient residential buildings;
(2) HORIZON-CL6-2022-COMMUNITIES-02 – Get In Nature; u
(3) Research and Innovation actions in support of the implementation of the Adaptation to Climate Change Mission (HORIZON-MISS-2022-CLIMA-01).

9.8.39 Il-President informa lill-membri kif informazzjoni relatata ma' dawn l-applikazzjonijiet kienet diġa intbagħtet għall-attenzjoni tal-membri qabel din il-laqgħa.

- *IDEA Academy*

9.8.40 Il-President reġa għamel referenza għall-komunikazzjoni mingħand IDEA Academy dwar ir-rimbors li jistà joffri dan ir-Reġjun lis-Sindki, Segretarji Eżekuttivi u l-impjegati fil-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun għal kors ta' Masters u kors ta Diploma.
Is-Sur Chircop spjega kif id-Diviżjoni ser tkun qed tisponsorja 7.5% tal-M.Sc in Governance biss filwaqt li l-AKL ser tkun qed tisponsorja kemm id-Diploma kif ukoll il-Masters b'7.5%.

9.8.41 Il-membri preżenti approvaw b'mod unanimu sabiex dan ir-Reġjun jisponsorja l-kumplament ta' l-ispiża.

- *Sports Day 2022*

9.8.42 Il-President semma kif matul dawn il-ġimgħat qedin isiru l-preparamenti meħtieġa għall-isports days li ħa jinżammu f'Novembru 2022. Għal din ir-raġuni l-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għall-PA System fejn ġiet mgħotija lill-orħos offerta.

- *Rapporti mill-Uffiċjali Reġjonali*

9.8.43 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet rapporti mill-Uffiċjal maniġerjali sabiex dan ir-Reġjun ikun jistà jgħati l-kummenti tiegħu, liema rapporti kienu diġa ġew iċċirkulati mal-membri qabel din il-laqgħa.

9.8.44 Is-Sur Chircop spjega li s-Segretarju Eżekuttiv tat l-għajnuna kollha sabiex dawn it-tliet uffiċjali jkunu jistgħu jifhmu dak li hu mistenni minnhom. B'mod ġenerali dawn sejrin fit-triq it-tajba u kulħadd qed jgħamel l-almu tiegħu sabiex ir-Reġjun jimxi 'l quddiem.

## 9.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

9.9.2 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku tal Gzira, is-Sur Conrad Borg Manche', ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 7A u 7B.

9.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 9.10 Mozzjonijiet

9.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 9.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Awwissu 2022.

Konfermati, illum it-Tlieta 9 ta' Awwissu, 2022.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv